## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-26 ta' April 2002**

**Rikors numru 1614/01 GC**

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 2435/01 fl-ismijiet:-**

**Avukat Carmelo Castelli ghan-nom u in rapprezentanza tal-Organizzazzjoni estera Commercial Italian American Organisation (CIAO) u s-Socjeta estera Trident s.r.l.**

**vs.**

**Focal Maritime Services Limited, Thomas Smith & Co. Ltd., Air Malta p.l.c. u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw s-Socjeta estera DeltaAirlines**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta Air Malta p.l.c. fejn gie premess :

Illi s-Socjeta esponenti giet notifikata bil-mandat kawtellatorju ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi (Dokument A) fejn ir-rikorrenti nomine qed jippretendi li ghandu kreditu di fronte ghas-socjeta esponenti ta’ Lm54,000 ghall-allegati danni minnu sofferti;

Illi is-Socjeta esponenti la ghandha u qatt ma kellha relazzjoni guridika mar-rikorrenti nomine, u certament imbaghad ma jirrizultax, lanqas prima facie, illi hi kienet responsabbli ghall-allegat ritard u danni allegatament sofferti;

Illi wkoll u f’kull kaz l-ammont iffissat ghall-finijiet tal-Mandat hu bil-bosta eccessiv u ingustifikat;

Illi inoltre r-rikorrenti nomine jaf jew messu kien jaf illi s-socjeta esponenti ghandha assi finanzjarji sufficjenti biex tissodisfa l-kreditu hekk pretiz;

Illi evidentement, tenut rigward tas-suespost, l-att kawtellatorju ntavolat huwa frivolu u vessatorju u ma kien hemm l-ebda raguni valida biex jigi promoss di fronte ghas-socjeta esponenti;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti talbet li dina l-Qorti joghgobha:-

1) tirrevoka l-att kawtellatorju de quo u dan ghar-ragunijiet stabbiliti fl-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2) tikkundanna lir-rikorrenti nomine jhallas l-penali li din il-Qorti jidhrilha xieraq li timponi skond l-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 u dan ghall-mottivi jew uhud minnhom stabbiliti f'dan is-subinciz;

3) li f'kull kaz tordna lir-rikorrenti nomine sabiex fi zmien li joghgobha tistabilixxi tipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtellatorju skond kif sancit fl-artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat ir-risposta tal-intimat nomine fejn gie sottomess :

Illi preliminarjament il-fatti li taw lok ghal-dan il-mandat huma li s-socjetajiet intimati organizzaw fiera fi New York dwar l-ikel u nbid minn Sqallija ghal-liema fiera inghataw prominenza kbira kemm fi New York kif wkoll fl-Italja kollha. Gara li l-kumpanija tal-ajru Delta Airlines li giet inkarigata mir-rikorrenti l-Air Malta sabiex twassal l-affarijiet minn Brussel ghal-New York waslet l-affarijiet tardivament, bil-hsara u inoltre ma waslux kollha. Ir-rizultat kien fjask u hafna kummenti negattivi fil-gurnali taljani;

Illli it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li:

1) Is-socjeta rikorrenti kienet hija inkarigata sabiex twassal l-affarijiet New York u kienet hija li qabdet lill-Delta Airlines;

2) Is-socjeta rikorrenti minn Frar ta' din is-sena meta kellha ssir il-fiera ma hadet l-ebda azzjoni sabiex tivverifika mad-Delta Airlines x'gara u ma garax u kien biss fuq fax li baghat lil-esponenti f'Awwissu li ghadda li l-Air Malta indenjat ruhha tiftah file fuq il-kaz u tibaghat fax lid-Delta Airlines.  Risposta sallum l-esponenti ghadu ma irceviex;

3) Illi l-ammont mhux eccessiv u ingustifikat tant li prospett ta' dan kien intbaghat lill-Air Malta f'Awwissu liema kopja qed tigi esebitia u markata Dok A.;

4) Illi jekk is-socjeta rikorrenti ghandha assi finanzjarji sufficjenti biex tissodisfa l-kreditu hekk pretiz m'ghandux ikollha diffikulta sabiex tipprezenta garanzija bankarja stante li l-esponenti m'ghandu l-ebda garanzija;

5) Illi ghalhekk il-mandat mhux frivolu u vessatorju izda huwa legali u intiz biss biex jissalvagwardja l-pretensjoni tal-esponenti in vista tal-fatt li s-socjeta rikorrenti sa issa dejjem harbet mir-responabilita taghha u ikkawzat danni ingenti lill-esponenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2002;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intimat nomine;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta rikorrenti qed tghamel referenza ghall mandat kawtelatorju ta' sekwestru (numru 2435/01) li gie ottjenut mill-intimat nomine kontra l-istess socjeta rikorrenti ghas-somma ta' erba u hamsin elf liri maltin (Lm54,000) a bazi ta' pretensjonijiet ta' danni allegatament sofferti mill-istess intimat nomine;

Jidher li l-fatti li taw lok ghal hrug ta' dan il-mandat jirreferu ghal fiera ta' ikel u inbid sqalli li nzammet fi New York u ghal-liema fiera kellu jippartecipa l-intimat nomine. Jidher li l-istess intimat nomine ried jibghat xi esibiti ghall-fiera, pero' allegatament dawn l-esibiti wasslu tard, uhud bil-hsara u uhud ma wasslu xejn. L-intimat jallega li s-socjeta rikorrenti kienet involuta fil-garr ta' dawn l-esibiti u ghalhekk minhabba f'dak li gara l-intimat nomine qed jallega li sofra danni, li ghalihom kienet responsabbli s-socjeta rikorenti;

Is-socjeta rikorrenti tippretendi li m'hemmx relazzjoni guridika bejna u l-intimat nomine u li qatt ma kienet responsabbli ghall-allegat ritard. Inoltre s-socjeta rikorrenti tippretendi li l-ammont li a bazi tieghu nhareg l-imsemmi mandat kawtelatorju hu eccessiv u ingustifikat u illi l-istess socjeta rikorrenti ghandha assi finanzjarji sufficjenti sabiex eventwalment jigi sodisfat il-kreditu pretiz. Is-socjeta rikorrenti thoss li l-att kawtellatorju in kwestjoni hu frivolu u vessatorju. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti talbet li l-istess att kawtellatorju jigi revokat ghar-ragunijiet stabbiliti fl-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-intimat nomine jigi kundannat ihallas lir-rikorrenti nomine l-penali kif stabbilita fl-artikolu 836(8) tal-istess Kapitolu 12 u li jigi ordnat lill-intimat nomine sabiex jipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax skond kif sancit fl-artikolu 838A tal-istess Kapitolu 12;

L-intimat nomine rrisponda li teisti relazzjoni giuridika mas-socjeta rikorrenti stante li l-istess socjeta rikorrenti kienet inkarigata sabiex twassal l-affarijiet New York u kienet is-socjeta rikorrenti li da parti taghha inkarigat linja tal-ajru ohra sabiex tghamel dan il-garr. L-intimat nomine isostni li l-ammont mhux eccessiv u ingustifikat u illi jekk is-socjeta rikorrenti ghandha assi finanzjarji sufficjenti ghandha iggib garanzija tajba f'dan ir-rigward;

F'dawn il-proceduri ghandu jigi deciz jekk huwiex il-kaz li l-mandat kawtelatorju in kwestjoni ghandux jigi revokat jew in toto jew in parte f'kaz li jirrizultaw l-estremi li huma indikati fil-ligi b'mod partikolari fl-artikolu 836 tal-Kapitolu 12. Difatti s-socjeta rikorrenti specifikat li, in parti, din l-azzjoni taghha hi bbazata fuq dak li hemm provdut fl-artikolu 836(1)(d) u (f). Skond l-imsemmija provedimenti att kawtelatorju jista jigi rekovat, anke in parti, jekk jintwera li l-ammont mitlub mhux "prima facie" gustifikat jew hu eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi mhux ragjonevoli li l-att kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk jintwera li l-istess att kawtelatorju mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli;

F'dawn il-proceduri zgur li m'ghandhomx jigu decizi kwestjonijiet li jappartjenu ghal meritu tal-kwestjoni li tesisti bejn il-partijiet;

Jekk hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet hi kwestjoni ukoll ta' meritu, pero', jista jinghad li "prima facie" jirrizulta li jista jkun hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Difatti l-istess Manager Warehousing and Administratioin tas-socjeta rikorrenti kkonferma li s-socjeta rikorrenti inghatat l-inkariku biex iggorr ghal New York l-oggetti in kwestjoni minn socjeta ohra privata, li tidher li giet imqabda mill-intimat nomine. Jirrizulta ukoll li l-istess oggetti gew trasportati ghal-Brussels fuq titjira tas-socjeta rikorrenti, li sussegwentement inkarigat linja tal-ajru ohra sabiex dawn l-istess oggetti jigu trasportati minn Brussels ghall New York;

Dejjem ghar-rigward tat-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatroju in kwestjoni, ghandu jinghad li ma jirrizultax, lanqas "prima facie" li l-ammont mitlub mhux gustifikat jew li hu eccessiv. Lanqas ma jirrizulta li fic-cirkostanzi mhux ragjonevoli li l-att kawtelatorju jinzamm fis-sehh;

In vista ta' dan kollu t-talbiet tas-socjeta rikorrenti rigwardanti r-revoka tal-att kawtelatrorju m'ghandhomx jigu akkolti;

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li l-intimat nomine jigi kundannat ihallas penali skond kif hemm provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12. Ma jirrizultax li dawn il-provedimenti ghandhom jigu applikati ghal dan il-kaz u ghalhekk anke din it-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi michuda. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li ma saret ebda prova dwar ic-cirkostanzi finanzjarji tas-socjeta rikorrenti. Inoltre ma jirrizultax li t-talba tal-intimat niomine ghal hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni saret b'malizzja jew li kienet frivola jew vessatorja;

Is-socjeta rikorrenti ma ppruvatx li hemm xi kawza giusta ghala l-intimat nomine ghandu jigi ordnat jghamel garanzija ai termini tal-838A tal-istess Kapitolu 12;

In vista ta' dan kollu t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom kollha jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha rikorrenti;

Spejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.